Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/47*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 47 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar L-Erbgħa 14 ta' Marzu, 2012 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Ħsarat kawżati mill-maltempata tas-Sibt 10 ta' Marzu 2012

Fl-introduzzjoni tiegħu s-Sindku rringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill għall-impenn tagħhom biex jattendu għal din il-laqgħa li ssejħet b'urġenza u fi żmien qasir. Din il-laqgħa ġiet imsejħa biex il-Kunsill ikun jista' jieħu l-passi meħtieġa u malajr kemm jista' jkun issir il-manutenzjoni u tindif f'diversi inħawi fir-raħal tagħna wara l-ħsara f'diversi toroq kaġunata mill-maltempata tas-Sibt 10 ta' Marzu 2012.

Ħafna bdiewa resqu l-ilmenti tagħhom mal-Kunsill peress li saret ħsara kbira fit-toroq li jwasslu għar-raba' u rziezet tagħhom. Rokku Vella, Dumink Camilleri, Fredu Attard, Joseph Vella, Joseph Camilleri, Bernarda Zammit, Joe Cauchi, Maria u Benny Zammit kienu fost dawk li rraportaw ħsarat speċjalment fl-inħawi ta' Wied L-Għasri u Tal-Gallina. Il-membri kollha kkonfermaw li saret ħsara kbira u diversi bdiewa kkuntattjawhom personalment biex iwaslulhom l-ilmenti tagħhom.

Is-Sindku qal li minn nhar is-Sibt stess, ftit wara li waqfet ix-xita huwa flimkien mal-Viċi Sindku mar jara diversi postijiet. L-akbar ħsara saret fi Triq Wied L-Għasri fejn it-triq inqalgħet kollha u partijiet minnha inkixef il-blat. Triq Gallina wkoll ġarbet ħsarat kbar. F'dawn l-inħawi tista' tgħid li l-aċċess kien ingħalaq totalment. Is-Sibt stess is-Sindku ta ordni lill-kuntrattur biex għal-lanqas dawn it-toroq ikunu aċċessibbli u b'hekk il-bdiewa li għandhom l-irziezet ikunu jistgħu jidħlu jgħalfu l-bhejjem tagħhom.

Is-Sindku qal li t-Tnejn 12 ta' Marzu huwa ċempel lill-Ministeru Għal Għawdex biex jinfurmahom dwar il-ħsara li ġrat u b'hekk ningħataw l-għajnuna minn naħa tal-Ministeru. Fil-fatt dak in-nhar stess fil-għaxija, uffiċċjali mill-Ministeru żaru l-inħawi l-aktar milquta u issa qed jgħinu fix-xogħlijiet li hemm bżonn isiru. Minn naħa tal-

Ministeru għal Għawdex se jgħinu lill-Kunsill kemm permezz ta' ħaddiema biex jgħamlu x-xogħol meħtieġ u anke materjal bħal konkos, żrar u ramel.

Is-Sindku spjega li l-ewwel priorita kienet li jitneħħa kull periklu li kien hemm fejn fost oħrajn kemm fi Triq Gallina u anke fi Triq Wied l-Għasri ċedew ħitan tas-sejjiegħ u t-triq kienet fil-periklu li ċċedi. Għalhekk tpoġġew ħitan temporanji biex il-vetturi ma jgħaddux mit-tarf tat-triq. Il-kantuni ġew provduti mill-Ministeru għal Għawdex filwaqt li x-xogħol sar mill-ħaddiema tal-Kunsill. Wara li tneħħa kull periklu l-attenzjoni kienet biex dawn iż-żewġ toroq jerġgħu jkunu aċċessibbli. Għalhekk tneħħa l-materjal kollu li kien qed jimblokka t-toroq u anke t-triq ġiet livellata kif kien possibbli. Ta' min isemmi li l-ilma kien għadu ġej (mit-tnixxija) u għalhekk kien diffiċċli ħafna li taħdem f'dawk il-kundizzjonijiet. Il-Ministeru għal Għawdex qed jikkordina biex isir ħafna minn dan ix-xogħol.

Barra l-ħsara li saret f'dawn it-toroq li jinsabu fiz-zona mhux urbana, saret ħsara ukoll fit-toroq taz-zona urbana fosthom Triq il-Fanal, Triq it-Tamar, Triq il-Ġonna, Triq Wied Sara u Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel li għandu jsir il-patching meħtieġ malajr kemm jista' jkun. Peress li f'ħafna mit-toroq għad hemm l-ilma tat-tnixxija, il-Kunsill qabel li jiġu ppeċċjati biss il-ħofor il-kbar u meta jkun jippermetti t-temp jerga' jsir il-patching fejn ikun meħtieġ.

Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn il-problemi u qabel unanimament li għandu jsir dak ix-xogħol kollu meħtieġ sabiex isir it-tindif u manutenzjoni kollha u b'hekk jitneħħa kull periklu u t-toroq kollha jerġgħu jkunu aċċessibbli.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-8.45p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |